OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEP-21-1282**

11 ta' Ottubru 2021

Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Belt Valletta

Onor. Prim Ministru

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, qed nibgħatlek kopja tal-korrispondenza u l-Opinjoni Finali wara investigazzjoni relatata mal-awtorizzazzjoni ta' *un/loading bay* minn Transport Malta.

Din l-investigazzjoni sabet li Transport Malta aġixxiet kemm kontra l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u kif ukoll kontra l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp billi l-permess ta' żvilupp ħareġ bil-kundizzjoni li ma ssirx attività ta' *un/loading* mit-triq. Transport Malta ma dgawdi l-ebda immunità milli tosserva liġijiet oħra bħal dik tal-ippjanar, tant illi l-istess talba għal *un/loading bay* kienet ġiet rifjutata mill-istess Transport Malta ftit tax-xhur qabel għall-istess raġuni indikata mill-Kummissarju, ċioè billi tmur kontra l-permess ta' żvilupp.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju lil Transport Malta sabiex tannulla din l-awtorizzazzjoni u sabiex din tingħata biss wara l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar hija direzzjoni tajba għall-aħjar amministrazzjoni, anke meta wieħed iqis li fil-proċess tal-ippjanar Transport Malta tiġi kkonsultata u saħansitra anke tista' tikkontesta l-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-istess permess. Fil-każ in eżami l-kundizzjoni msemmija qatt ma ġiet ikkontestata.

Transport Malta ma laqetx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju.

Insellimlek

**A C Mifsud**
**Ombudsman**

Dokumenti annessi

Kopja: Onor. Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali
Il-Kap Eżekuttiv, Transport Malta

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt